Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

6 ta' Marzu 2014*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 2006/54/KE — Trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol — Kors ta' taħriġ għall-finijiet tal-kisba tal-istatus ta' uffiċjal — Esklużjoni minħabba assenza fit-tul — Assenza dovuta għal leave tal-maternità"

Fil-Kawża C-595/12,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Ottubru 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Diċembru 2012, fil-proċedura

**Loredana Napoli**

vs

**Ministero della Giustizia — Dipartimento dell'Amministrazione penitenziaria,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, E. Levits, M. Berger, S. Rodin u F. Biltgen (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Cattabriga u D. Martin, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2(2)(ċ), 14(2) u 15 tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, p. 23).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn L. Napoli u l-Ministero della Giustizia — Dipartimento dell'Administrazione penitenziaria (Ministeru tal-Ġustizzja — Dipartiment tal-amministrazzjoni penitenzjarja, iktar 'il quddiem l-"Amministrazione penitenziaria"), fir-rigward tal-esklużjoni ta' L. Napoli mill-kors ta' taħriġ għall-funzjonijiet ta' assistent kummissarju tal-pulizija penitenzjarja wara l-assenza tagħha matul iktar minn 30 ġurnata meta din l-assenza kienet dovuta għal leave tal-maternità obbligatorju.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 2, 23, 25 u 28 tad-Direttiva 2006/54 jipprovdu:

"(2) L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija prinċipju fundamentali tal-liġi tal-Komunità skond l-Artikoli 2 u 3(2) tat-Trattat [KE] u l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dawk id-dispożizzjonijiet tat-Trattat jistqarru bħala "kompitu" u "mira" tal-Komunità l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u jimponu obbligu pożittiv għall-promozzjoni ta' dan fl-attivitajiet kollha tagħha.

[...]

(23) Huwa ċar mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja li trattament mhux favorevoli ta' mara relatat mat-tqala jew mal-maternità jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta minħabba s-sess. Trattament bħal dan għalhekk għandu jiġi espressement kopert minn din id-Direttiva.

[...]

(25) Għal raġunijiet ta' kjarezza, huwa wkoll xieraq li tagħmel dispozizzjonijiet espressi għall-protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol tan-nisa dwar il-leave tal-maternità u partikolarment id-dritt tagħhom li jirritornaw għall-istess post jew għal post ekwivalenti u li ma jsofru ebda detriment fil-pattijiet u l-kondizzjonijiet bħala riżultat li jieħdu dak il-leave u li jibbenefikaw minn kull titjib fil-kondizzjonijiet tax-xogħol li għalihom kienu jkunu intitolati waqt l-assenza tagħhom.

[...]

(28) L-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali jirrikjedi li l-Istati Membri jkollhom il-proċeduri xierqa."

4 L-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li jkun implimentat il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol.

Għal dan il-għan, hi fiha dispożizzjonijiet biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' trattament ugwali f'relazzjoni ma':

a) l-aċċess għall-impjiegi, inkluża l-promozzjoni, u t-taħriġ vokazzjonali;

b) il-kondizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-paga;

ċ) l-iskemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali.

Hi fiha wkoll dispożizzjonijiet biex ikun żgurat li din l-implimentazzjoni tkun aktar effettiva permezz ta' l-istabbiliment ta' proċeduri xierqa."

5 L-Artikolu 2(2)(ċ) tal-istess direttiva jipprovdi li:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, diskriminazzjoni tinkludi:

[...]

ċ) kwalunkwe trattament anqas favorevoli ta' mara li jkollu x'jaqsam ma' tqala jew leave tal-maternità fis-sens d-Direttiva [tal-Kunsill 92/85/KE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 110)]."

6 L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/54 jipprovdi kif ġej:

"1. M'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba s-sess fis-settur pubbliku jew f'dak privat, inklużi l-korpi pubbliċi, b'relazzjoni għal:

[...]

ċ) Impjieg u l-kondizzjonijiet tax-xogħol, inlużi sensji, kif ukoll paga kif previst fl-Artikolu 141 tat-Trattat;

[...]

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu, fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjiegi inkluż it-taħriġ li jwassal għalih, li differenza fit-trattament li hija bbażata fuq karatteristika relatata mas-sess m'għandiex tikkostitwixxi diskriminazzjoni fejn, minħabba n-natura ta' l-attivitajiet tax-xogħol partikolari kkonċernati jew tal-kuntest li fihom jitwettqu, karatteristika bħal din tikkostitwixxi kondizzjoni meħtieġa ġenwina u determinanti tax-xogħol, sakemm għan tagħha huwa leġittimu u l-kondizzjoni meħtieġa hija proporzjonata."

7 L-Artikolu 15 ta' din id-direttiva, fir-rigward tar-ritorn mil-leave tal-maternità, jipprovdi:

"Mara li qiegħda bil-leave tal-maternità għandu jkollha d-dritt, wara li jintemm il-perjodu tal-leave tal-maternità tagħha, li terġa' lura għall-impjieg tagħha jew għal kariga ekwivalenti b'termini u b'kondizzjonijiet li m'humiex inqas favorevoli għaliha u li għadha tibbenifika minn kwalunkwe titjib fil-kondizzjonijiet tax-xogħol li għalihom kien ikollha d-dritt matul l-assenza tagħha."

*Id-dritt Taljan*

8 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, skont l-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 146 li jadatta l-istrutturi u l-persunal tal-amministrazzjoni penitenzjarja u tal-uffiċċju ċentrali tal-ġustizzja tal-minorenni, u l-istabbiliment tal-korpi ordinarji u speċjali tal-pulizija penitenzjarja, skont l-Artikolu 12 tal-Liġi Nru 266 tat-28 ta' Lulju 1999 (decreto legislativo n. 146 – Adeguamento delle strutture e degli organici dell'Amministrazione penitenziaria e dell'Ufficio centrale per la giustizia minorile, nonche' istituzione dei ruoli direttivi ordinario e speciale del Corpo di polizia penitenziaria, a norma dell'articolo 12 della legge 28 luglio 1999, n. 266), tal-21 ta' Mejju 2000 (GURI nru 132, tat-8 ta' Ġunju 2000, p. 3, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 146/2000"), il-persuni li jgħaddu mill-kompetizzjoni għal assistent kummissarju tal-korpi ordinarji tal-pulizija penitenzjarja huma immedjatament maħtura assistenti kummissarji bi prova u għandhom isegwu kors ta' taħriġ teoriku u prattiku ta' tnax-il xahar, fejn fi tmiemu jkollhom jgħaddu minn eżami. Il-kandidati li jgħaddu minn dan l-eżami jiġu promossi assistenti kummissarji, filwaqt li, fil-każ kuntrarju, huma għandhom jipparteċipaw fil-kors suċċessiv.

9 Skont l-Artikolu 10(2) tal-imsemmi digriet leġiżlattiv:

"Il-persunal li, għal raġuni valida, kien assenti matul iktar minn 30 ġurnata huwa ammess sabiex jipparteċipa f'kors suċċessiv. Il-persunal ta' sess femminili li l-assenza tiegħu ta' iktar minn 30 jum hija dovuta għall-maternità huwa ammess sabiex jipparteċipa fil-kors li jsegwi l-perijodi ta' assenza mix-xogħol previsti mid-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema ommijiet ta' familja."

10 L-Artiklu 3 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 151 dwar it-test uniku tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi fil-qasam tal-protezzjoni u tas-sostenn tal-maternità u tal-paternità, hekk kif imsemmi fl-Artikolu 15 tal-Liġi Nru 53 tat-8 ta' Marzu 2000 (decreto legislativo n. 151 – Testo unico delle disposizioni legislative in materia di tutela e sostegno della maternità e della paternità, a norma dell'articolo 15 della legge 8 marzo 2000, n. 53), tas-26 ta' Marzu 2001 (suppliment ordinarju Nru 93 għall-GURI Nru 96, tas-26 ta' April 2001, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 151"), jipprojbixxi kull diskriminazzjoni abbażi tas-sess u jipprojbixxi kull trattament inqas favorevoli marbut mal-kundizzjoni ta' mara bit-tqala u ta' omm. L-Artikolu 16 tal-imsemmi digriet leġiżlattiv jimponi leave tal-maternità obbligatorju u jipprojbixxi, b'mod partikolari, l-impjieg ta' ħaddiema omm ta' familja fit-tliet xhur ta' wara l-ħlas mit-tqala. Skont l-Artikolu 22(3) tal-Digriet Leġiżlattiv Nru 151, hemm lok li jittieħdu kompletament inkunsiderazzjoni l-perijodi ta' leave tal-maternità biex tiġi kkalkolata l-anzjanità fis-servizz tan-nisa kkonċernati.

11 L-Artikolu 1494 tal-Digriet Leġiżlattiv Nru 66 dwar il-kodiċi tal-armata (decreto legislativo n. 66 – Codice dell'ordinamento militare), tal-15 ta' Marzu 2010 (suppliment ordinarju Nru 84 għall-GURI Nru 106, tat-8 ta' Mejju 2010, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 66"), jipprovdi fis-subparagrafu 5 tiegħu, li jikkonċerna l-persunal militari femminili li jappartjeni għall-forzi armati, għall-carabinieri u għall-guardia di finanza, li, fil-każ ta' maternità, dan il-persunal huwa eskluż mill-kors mibdi matul il-perijodu li jsegwi l-ħlas mit-tqala, filwaqt li madankollu jispeċifika li, fl-ipoteżi fejn jgħaddi b'suċċess mill-eżami fil-kors suċċessiv, il-membru kkonċernat tal-imsemmi persunal jibbenefika minn trasferiment tal-anzjanità għad-data tal-kors inizjali.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

12 L. Napoli ġiet aċċettata tipparteċipa fil-kompetizzjoni, organizzata fl-20 ta' April 2009, għal assistent kummissarju tal-korpi ordinarji tal-pulizija penitenzjarja u fil-5 ta' Diċembru 2011, ġiet ammessa tipparteċipa f'kors ta' taħriġ li kellu jibda fit-28 ta' Diċembru ta' wara.

13 Fis-7 ta' Diċembru 2011, L. Napoli ħelset mit-tqala. Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, hija kienet fuq leave tal-maternità obbligatorju għal perijodu ta' tliet xhur, jiġifieri sas-7 ta' Marzu 2012.

14 Permezz ta' att tal-4 ta' Jannar 2012, l-Amministrazione penitenziaria għarrfitha li, skont l-Artikolu 10(2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 146/2000, ladarba jiddekorru l-ewwel 30 ġurnata tal-perijodu ta' leave tal-maternità, hija kienet se tiġi eskluża mill-kors inkwistjoni u l-ħlas tar-remunerazzjoni tagħha kien se jiġi interrott. Din l-amministrazzjoni speċifikatilha li hija għandha tiġi ammessa bi dritt għall-kors li jmiss li kellu jiġi organizzat.

15 Permezz ta' rikors inizjali, ippreżentat fis-27 ta' Frar 2012 quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (tribunal amministrattiv reġjonali għar-reġjun ta' Lazio), L. Napoli kkontestat l-att tal-4 ta' Jannar 2012. Din il-qorti ġiet adita b'rikors ieħor, li kien jinkludi motivi, dirett kontra d-digriet tal-kap tad-dipartiment tal-Amministrazione penitenziaria, tad 9 ta' Marzu 2012, li jiddeċiedi l-esklużjoni definittiva ta' L. Napoli mill-kors, filwaqt li jżommilha l-possibbiltà li tipparteċipa fil-kors suċċessiv, bit-telf, sa dak il-mument, tar-remunerazzjoni rċevuta.

16 Insostenn tar-rikors tagħha, L. Napoli sostniet, prinċipalment, li l-Amministrazione penitenziaria kienet applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 10 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 146/2000, ġaladarba din id-dispożizzjoni kienet timponi li jiġu kkalkolati bħala perijodi ta' assenza mill-kors biss dawk il-perijodi ta' assenza fakultattivi tal-ħaddiema ommijiet ta' familja, bl-esklużjoni tal-perijodi ta' leave obbligatorju pprovdut mil-liġi. Sussidjarjament, u fil-każ fejn kellu jirriżulta li d-deċiżjonijiet ikkontestati kienu konformi mal-imsemmi digriet leġiżlattiv, hija kkontestat il-konformità ta' dan tal-aħħar mal-Kostituzzjoni Taljana.

17 It-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio, li kien qed jiddeċiedi dwar miżuri provviżorji, wara li ċaħad il-motiv tar-rikors invokat b'mod prinċipali, laqa' l-motiv imqajjem sussidjarjament. Fil-fatt, l-Artikolu 10 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 146/2000 huwa inkompatibbli, b'mod partikolari, mad-Direttiva 2006/54, hekk kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Frar 2006, Sarkatzis Herrero (C-294/04, Ġabra p. I-1513). Din il-qorti ordnat is-sospensjoni tad-digriet tad-9 ta' Marzu 2012 imsemmi iktar 'il fuq u għaldaqstant iddeċidiet li L. Napoli kellha tiġi ammessa mill-ġdid fil-kors ladarba kellu jintemm il-leave tal-maternità obbligatorju.

18 Fid-deċiżjoni tagħha ta' rinviju, l-imsemmija qorti tesponi li fil-fehma tagħha għandu jiġi eskluż li l-Artikolu 10 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 146/2000 jista' jkun suġġett għal interpretazzjoni skont il-Kostituzzjoni u d-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, il-kliem ċar ta' dan l-artikolu, li jirreferi għall-perijodi ta' assenza previsti mir-regoli li jipproteġu l-ħaddiema ommijiet ta' familja, fost liema regoli neċessarjament jirriżulta l-Artikolu 16 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 151, li jistabbilixxi leave tal-maternità obbligatorju, ma jippermettix lill-qorti ta' rinviju tagħżel, fost it-tifsiriet possibbli tar-regola inkwistjoni, dik li l-iktar tirrispetta l-prinċipji kostituzzjonali nazzjonali kif ukoll il-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, bir-riskju li tattribwixxi lil dan il-kliem sens li ma huwiex mixtieq mil-leġiżlatur. Barra minn hekk, it-twettiq tal-għan segwit mill-Artikolu 10 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 146/2000, jiġifieri li kull assistent kummissarju fi prova jsegwi taħriġ professjonali adegwat u komplet qabel ma jingħata missjonijiet istituzzjonali, ma jitqegħidx biss inkwistjoni minħabba assenzi fakultattivi, iżda wkoll, u bl-istess mod, minħabba assenzi obbligatorji.

19 Il-qorti ta' rinviju tispeċifika li jeżistu dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali oħra, b'mod artikolari dwar l-impjieg fl-armata, bħall-Artikolu 1494(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 66, li jeskludu mill-korsijiet ta' taħriġ ċerti nisa li bbenefikaw mil-leave tal-maternità obbligatorju. Madankollu, dan it-test jipprovdi li, fil-każ ta' suċċess fl-eżami tal-kors ta' wara, il-kandidata kkonċernata tibbenefika minn trasferiment tal-anzjanità għad-data tal-kors inizjali ta' taħriġ. Madankollu din id-dispożizzjoni, li hija ta' natura ġenerali fl-ordni militari, ma hijiex direttament applikabbli għall-persunal tal-pulizija penitenzjarja li jikkostitwixxi korp ċivili.

20 Għalhekk, L. Napoli ġġarrab dannu minħabba l-maternità tagħha peress li hija tinsab f'sitwazzjoni inqas favorevoli mill-kollegi tagħha ta' sess maskili, li għaddew b'suċċess mill-istess kompetizzjoni u li ġew ammessi jsegwu l-kors inizjali ta' taħriġ. Li kieku kellu jitqies li garanzija dwar il-punt ta' tluq tal-effetti ġuridiċi tal-ħatra, bħal dik prevista fl-Artikolu 1494(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 66, tista',

b'analoġija, tingħatalha, din il-garanzija ma jkollhiex effett finanzjarju retroattiv. L. Napoli neċessarjament titlef ir-remunerazzjoni u l-kontribuzzjonijiet soċjali li minnhom hija kienet tibbenefika li kieku hija setgħet issegwi l-kors inizjali.

21 Il-qorti ta' rinviju żżid tgħid ulterjorment li d-dritt, rikonoxxut lill-ħaddiema eskluża inizjalment minn kors wara leave tal-maternità, li tiġi ammessa għall-kors ta' wara, ma jġiegħelx lill-amministrazzjoni kkonċernata torganizza tali kors. L-organizzazzjoni ta' dan jibqa' suġġett għall-evalwazzjoni diskrezzjonali ta' din l-amministrazzjoni li tikkonċerna l-ħtieġa li tipprovdi għall-postijiet vakanti u r-riżorsi ekonomiċi disponibbli biex tagħmel dan. Konsegwentement, peress li bosta snin jistgħu jiddekorru bejn kors u dak ta' warajh, il-possibbiltà, għal din il-ħaddiema, li tipparteċipa f'kors ieħor hija inċerta. B'hekk, id-dannu mġarrab mill-imsemmija ħaddiema jista' jkun importanti.

22 Ċertament, billi jiggarantixxi lill-istess ħaddiema l-possibbiltà li tipparteċipa fil-kors suċċessiv, id-dritt Taljan għandu l-intenzjoni jikkonċilja d-drittijiet tan-nisa jaħdmu mal-interess pubbliku li jiġu reklutati mal-pulizija penitenzjarja, biex jeżerċitaw il-kompiti previsti istituzzjonalment, biss kandidati ppreparati b'mod adegwat permezz tal-kors ta' taħriġ ikkunsidrat. Madankollu, tirriżulta l-kwistjoni dwar jekk il-ksib ta' dan l-għan ta' interess pubbliku jistax jiġġustifika t-trattament sfavorevoli rriżervat lil mara minħabba l-esklużjoni tagħha minn kors wara leave tal-maternità obbligatorju.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 15 tad-Direttiva [2006/54] japplika għall-attendenza għal kors ta' taħriġ professjonali li jagħmel parti mir-relazzjoni ta' xogħol, u għandu jiġi interpretat fis-sens li, fi tmiem il-perijodu tal-leave [tal-maternità], il-ħaddiema mara għandha d-dritt li tiġi integrata mill-ġdid fl-istess kors li jkun għadu għaddej, jew jista' jiġi interpretat fis-sens li l-ħaddiema mara tista' tiġi iskritta f'kors suċċessiv, anki jekk ma jkunx magħruf, minn tal-inqas, meta ser jinżamm dan il-kors?

2) L-Artikolu 2(2)(ċ) tad-Direttiva 2006/54, li jikkunsidra bħala diskriminatorju kwalunkwe trattament inqas favorevoli għal raġunijiet marbuta mal-leave tal-maternità, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ħaddiema mara għandha tiġi żgurata protezzjoni assoluta, li ma tista' tkun suġġetta għal ebda deroga minħabba interessi oħra, kontra kwalunkwe inugwaljanza ta' natura sostanzjali [sentenza tat-30 ta' April 1998, Thibault, C-136/95, Ġabra p. I-2011], b'tali mod li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, filwaqt li timponi r-riżenja minn kors professjonali u fl-istess ħin tiggarantixxi l-possibbiltà ta' iskrizzjoni fil-kors suċċessiv bil-għan li tiżgura taħriġ adegwat, iċċaħħad lill-ħaddiema mara mill-possibbiltà li jkollha aċċess, f'data sussegwenti, għal pożizzjoni ġdida fuq ix-xogħol fl-istess waqt bħall-kollegi rġiel tagħha fl-istess kompetizzjoni u fl-istess kors, fejn tirċievi r-remunerazzjoni korrispondenti?

3) L-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/54, li jipprovdi li differenza fit-trattament ibbażata fuq karatteristiċi li jikkostitwixxu rekwiżit professjonali ġenwin ma hijiex diskriminatorja, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lil Stat Membru jdewwem l-aċċess għax-xogħol [ta'] ħaddiema mara li ma setgħetx tibbenefika minn taħriġ professjonali komplet minħabba l-leave tal-maternità?

4) [F']sitwazzjoni [tali] u jekk jitqies li l-Artikolu 14(2) [tad-Direttiva 2006/54] japplika, teoretikament, [għas]-sitwazzjoni [msemmija fid-domanda li tippreċedi], [l-imsemmija dispożizzjoni], ikkunsidrata flimkien mal-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, [l-imsemmija dispożizzjoni] għandha xorta waħda tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-esklużjoni mill-kors tal-ħaddiema mara li l-assenza tagħha tkun dovuta għal leave tal-maternità minflok ma tiżgura l-implementazzjoni ta' korsijiet paralleli ta' rkupru li jippermettu li jiġi rrimedjat għat-taħriġ li tkun tilfet, soluzzjoni din li tikkonċilja d-drittijiet tal-ħaddiema mara li jkollha familja u l-interess pubbliku, minkejja li timplika spejjeż organizzattivi u finanzjarji?

5) Id-Direttiva 2006/54, fl-eventwalità li tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi l-leġiżlazzjoni nazzjonali diġà msemmija, tistabbilixxi f'dan ir-rigward dispożizzjonijiet hekk imsejħa 'self-executing' li huma direttament applikabbli mill-qorti nazzjonali?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ewwel u t-tieni domanda*

24 Permezz tal-ewwel u t-tieni domandi tagħha, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati flimkien, il-qorti ta' rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(2)(ċ) u l-Artikolu 14(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/54, moqrija flimkien, kif ukoll l-Artikolu 15 ta' din id-direttiva għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi, għal raġunijiet ta' interess pubbliku, lil mara fuq leave tal-maternità minn taħriġ professjonali li jagħmel parti sħiħa mill-impjieg tagħha u li huwa obbligatorju biex tkun tista' tippretendi ħatra definittiva f'pożizzjoni ta' uffiċjal kif ukoll sabiex tkun tista' tibbenefika minn titjib tal-kundizzjonijiet tagħha ta' impjieg, filwaqt li tiggarantilha d-dritt li tipparteċipa fit-taħriġ suċċessiv organizzat, iżda li d-data tiegħu huwa inċert.

25 Bil-għan li tingħata risposta għal din id-domanda, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li l-Artikolu 2(2)(ċ) tad-Direttiva 2006/54 jipprovdi li trattament inqas favorevoli ta' mara marbuta mat-tqala jew mal-leave tal-maternità jikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u li l-Artikolu 14(1) ta' din id-direttiva jispeċifika l-oqsma li fihom ma għandha ssir ebda diskriminazzjoni. B'hekk, kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta hija pprojbita f'dak li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-impjiegi, inklużi l-kriterji ta' għażla u l-kundizzjonijiet ta' reklutaġġ, l-aċċess għat-tipi kollha u għal-livelli kollha ta' orjentament professjonali, it-taħriġ, il-perfezzjonament u r-reviżjoni professjonali kif ukoll l-esperjenza professjonali, il-kundizzjonijiet ta' impjieg u ta' xogħol u l-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni li tirrappreżenta ħaddiema jew oħrajn (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Sarkatzis Herrero, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36).

26 Fit-tieni lok, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva jipprovdi li mara fuq leave tal-maternità għandha d-dritt, fi tmiem dan il-leave, li terġa' lura għall-impjieg tagħha jew għal kariga ekwivalenti b'kundizzjonijiet li ma humiex inqas favorevoli u li tibbenefika minn kull titjib fil-kundizzjonijiet li għalihom kien ikollha dritt matul l-assenza tagħha.

27 F'dan il-każ, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tal-qorti ta' rinviju, huwa paċifiku li L. Napoli hija implikata f'relazzjoni ta' xogħol u l-korsijiet, li minnhom hija ġiet eskluża wara l-assenza tagħha minħabba leave tal-maternità, jingħataw fil-kuntest ta' din ir-relazzjoni ta' xogħol u huma intiżi sabiex jippreparawha għal eżami li, fil-każ ta' suċċess, jippermettilha li taċċedi għal livell ġerarkiku ogħla.

28 Konsegwentement, l-imsemmija korsijiet għandhom jiġu kkunsidrati, kemm fir-rigward tal-Artikolu 14(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/54 kif ukoll tal-Artikolu 15 ta' din id-direttiva, bħala parti mill-kundizzjonijiet tax-xogħol neċessarji għall-impjieg ta' L. Napoli (ara, b'analoġija, is-sentenzi Thibault, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27, u tat-18 ta' Novembru 2004, Sass, C-284/02, Ġabra p. I-11143, punti 30 u 31).

29 Madankollu, sa fejn is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tirrigwarda ritorn mil-leave tal-maternità u tikkonċerna, hekk kif jirriżulta mill-punt preċedenti ta' din is-sentenza, il-kundizzjonijiet ta' xogħol applikabbli għal ħaddiema wara r-ritorn tagħha mil-leave tal-maternità, hemm lok li tiġi eżaminata d-domanda magħmula fir-rigward tal-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva, li huwa d-dispożizzjoni speċifika li tirregola tali każ speċifiku.

30 Fir-rigward tal-punt dwar jekk, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-ħaddiema li terġa' lura x-xogħol wara leave tal-maternità ssib ix-xogħol tagħha taħt kundizzjonijiet li ma humiex inqas favorevoli u tibbenefika minn kull titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li għalihom hija kellha dritt matul l-assenza tagħha, għandu jiġi osservat li t-teħid tal-leave tal-maternità ma kellux effett fuq il-kwalità ta' din il-ħaddiema, fejn l-istatus ta' assistent kummissarju fi prova li jiggarantixxi l-iskrizzjoni fil-kors suċċessiv inżamm għall-benefiċċju ta' L. Napoli, u l-imsemmija ħaddiema reġgħet sabet l-impjieg li fih hija kienet ikkollokata qabel il-leave tal-maternità tagħha.

31 Xorta jibqa' l-fatt li l-esklużjoni mill-kors ta' taħriġ professjonali minħabba t-teħid tal-leave tal-maternità kellha effett negattiv fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' L. Napoli.

32 Fil-fatt, il-ħaddiema l-oħra ammessi fl-ewwel kors ta' taħriġ kellhom il-possibbiltà li jsegwu l-imsemmi kors b'mod komplet u li jaċċedu, fil-każ li jgħaddu b'suċċess l-eżami li jtemm it-taħriġ, għal-livell ġerarkiku ogħla ta' assistent kummissarju u li jirċievu r-remunerazzjoni korrispondenti qabel L. Napoli. Min-naħa tagħha, din tal-aħħar ikollha l-obbligu li tattendi l-bidu tal-kors ta' taħriġ suċċessiv li, fid-dawl tal-konstatazzjonijiet tal-qorti ta' rinviju, barra minn hekk jikkostitwixxi avveniment li mhux neċessarjament ser iseħħ.

33 Issa, l-esklużjoni mill-ewwel kors u l-projbizzjoni sussegwenti milli tipparteċipa fl-eżami li jiċċertifika dan il-kors għandhom bħala konsegwenza t-telf ta' opportunità għall-parti kkonċernata li tibbenefika, bl-istess mod bħall-kollegi tagħha, minn titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u għaldaqstant għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu trattament sfavorevoli fis-sens tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/54.

34 Din il-konklużjoni ma titqiegħedx inkwistjoni bl-argument li r-rekwiżit, minħabba raġunijiet ta' interess pubbliku, li fl-imsemmi eżami jipparteċipaw biss kandidati ppreparati b'mod adegwat sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet ġodda tagħhom jippresupponi l-parteċipazzjoni tagħhom fil-korsijiet kollha li jagħmlu parti mit-taħriġ ikkunsidrat.

35 Fil-fatt, anki jekk l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, skont iċ-ċirkustanzi, ċerta marġni ta' diskrezzjoni meta jadottaw miżuri li huma jqisu li huma neċessarji sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà pubblika fi Stat Membru (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2000, Kreil, C-285/98, Ġabra p. I-69, punt 24), huma madankollu għandhom l-obbligu, ġaladarba jġibu fis-seħħ miżuri li jidderogaw minn dritt fundamentali, bħall-ugwaljanza fit-trattament bejn irġiel u nisa, li fir-rigward ta' dan id-dritt id-Direttiva 2006/54 hija intiża li tiżgura l-implementazzjoni, li jirrispettaw il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza Kreil, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23).

36 Issa, għandu jiġi kkonstatat li miżura bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi l-esklużjoni awtomatika mill-korsijiet ta' taħriġ u li tagħmilha impossibbli li persuna tippreżenta ruħha għall-eżami organizzat fi tmiem il-kors mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, la l-istadju tal-imsemmija korsijiet li fih bdiet l-assenza minħabba leave tal-maternità u lanqas it-taħriġ diġà mwettaq u li jirrikonoxxi lill-mara li ħadet tali leave id-dritt li tipparteċipa f'kors ta' taħriġ organizzat f'data ulterjuri iżda inċerta, ma tidhirx li hija konformi mal-imsemmi prinċipju ta' proporzjonalità.

37 Il-ksur ta' dan il-prinċipju huwa wisq iżjed flagranti li, hekk kif osservat il-qorti ta' rinviju, il-fatt li l-bidu tal-kors ta' taħriġ suċċessiv jikkostitwixxi avveniment inċert jirriżulta mill-fatt li l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx obbligu jorganizzaw tali kors f'dati speċifiċi.

38 F'dan ir-rigward, għandu jingħad ukoll li, sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza sostanzjali bejn irġiel u nisa li fir-rigward tagħha d-Direttiva 2006/54 għandha l-intenzjoni li twessa' (ara, b'analoġija, is-sentenza Thibault, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26), l-Istati Membri għandhom ċerta marġni ta' diskrezzjoni u miżuri inqas intrużivi tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn irġiel u nisa minn dawk tal-kawża prinċipali jidhru konċepibbli. B'hekk, kif ġie osservat mill-qorti ta' rinviju nnifisha, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu, jekk ikun il-każ, iqisu li jikkonċiljaw l-eżiġenza ta' taħriġ komplet

tal-kandidati mad-drittijiet tal-ħaddiema mara billi jipprovdu, għall-ħaddiema li terġa' tibda taħdem wara leave tal-maternità, korsijiet paralleli ta' rkupru ekwivalenti għall-korsijiet ta' taħriġ inizjali b'tali mod li din il-ħaddiema tkun tista' tiġi ammessa, fil-ħin, għall-eżami li jippermettilha taċċedi, fl-iqsar żmien possibbli, għal livell superjuri ta' ġerarkija u li jfisser ukoll li l-iżvilupp tal-karriera tagħha ma jkunx iżjed sfavorevoli minn dak tal-karriera ta' kollega maskili li jgħaddi mill-istess kompetizzjoni u li kien ammess għall-istess kors ta' taħriġ inizjali.

39 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li hemm lok li r-risposta għall-ewwel u għat-tieni domandi tkun li l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/54 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi, għal raġunijiet ta' interess pubbliku, lil mara fuq leave tal-maternità minn taħriġ professjonali li jagħmel parti sħiħa mill-impjieg tagħha u li huwa obbligatorju sabiex hija tkun tista' tistenna ħatra definittiva f'pożizzjoni ta' uffiċjal kif ukoll sabiex tibbenefika minn titjib fil-kundizzjonijiet ta' impjieg tagħha, filwaqt li din il-leġiżlazzjoni tiggarantilha d-dritt li tipparteċipa fit-taħriġ suċċessiv organizzat, iżda li d-data tiegħu hija inċerta.

*Fuq it-tielet domanda*

40 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti ta' rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/54 japplikax għal leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tirriżervax attività partikolari biss għall-ħaddiema ta' sess maskili, iżda li ddewwem l-aċċess għal din l-attività tal-ħaddiema nisa li ma setgħux jibbenefikaw minn taħriġ professjonali komplet minħabba leave tal-maternità obbligatorju.

41 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 14(2) tal-imsemmija direttiva, bħall-Artikolu 2(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 187), li ssostitwiet, għandha n-natura ta' dispożizzjoni li tidderoga minn dritt individwali stabbilit bid-Direttiva 2006/54 sa fejn din tawtorizza lill-Istati Membri jipprovdu li differenza fit-trattament ibbażata fuq karatteristika marbuta mas-sess ma tikkostitwixxix, taħt ċerti kundizzjonijiet speċifiċi, diskriminazzjoni fis-sens ta' din id-direttiva. Għaldaqstant, hija ta' interpretazzjoni restrittiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Mejju 1986, Johnston, 222/84, Ġabra p. 1651, punt 36, u tas-26 ta' Ottubru 1999, Sirdar, C-273/97, Ġabra p. I-7403, punt 23).

42 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kawża prinċipali, la ġie sostnut u lanqas allegat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli jipprovdu li karatteristika marbuta mas-sess tikkostitwixxi rekwiżit professjonali eżistenti u determinanti sabiex tkun tista' tiġi eżerċitata din il-funzjoni jew li, fir-rigward tal-eżerċizzju tal-funzjoni ta' assistent kummissarju tal-pulizija penitenzjarja, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għamlu użu mis-setgħa diskrezzjonali kif mogħtija mill-imsemmija direttiva jew kellhom l-intenzjoni li jagħmlu użu minn din il-marġni ta' diskrezzjoni.

43 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li hemm lok li r-risposta għat-tielet domanda tkun fis-sens li l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/54 ma japplikax għal leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tirriżervax attività speċifika biss għall-ħaddiema ta' sess maskili, iżda li ddewwem l-aċċess għal din l-attività tal-ħaddiema nisa li ma setgħux jibbenefikaw minn taħriġ professjonali komplet minħabba leave tal-maternità obbligatorju.

*Fuq ir-raba' domanda*

44 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tielet domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għar-raba' domanda.

*Fuq il-ħames domanda*

45 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti ta' rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 14(1)(ċ) u 15 tad-Direttiva 2006/54 humiex biżżejjed ċari, preċiżi u inkundizzjonati biex ikunu jistgħu jipproduċu effett dirett.

46 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-każijiet kollha fejn dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru li jkunu, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed, l-individwi jkollhom bażi sabiex jinvokawhom quddiem il-qorti nazzjonali kontra l-Istat Membru (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 1990, Foster *et*, C-188/89, Ġabra p. I-3313, punt 16, u tal-20 ta' Marzu 2003, Kutz-Bauer, C-187/00, Ġabra p. I-2741, punt 69).

47 Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikoli 14(1)(ċ) u 15 tad-Direttiva 2006/54 jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti.

48 Fil-fatt, fir-rigward tal-Artikolu 14(1)(ċ) tal-imsemmija direttiva, li tinkludi dispożizzjonijiet li jimplementaw il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn irġiel u nisa fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol, għandu jiġi osservat li dan jeskludi b'mod ġenerali u bi kliem ċar kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess fl-oqsma li huwa jelenka (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Sarkatzis Herrero, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36).

49 Bl-istess mod, l-Artikolu 15 tal-istess direttiva jipprovdi bi kliem ċari, preċiżi u inkundizzjonati li mara bil-leave tal-maternità għandha d-dritt, fi tmiem il-leave, li terġa' lura għall-impjieg tagħha jew għal impjieg ekwivalenti taħt kundizzjonijiet li ma humiex inqas favorevoli u li tibbenefika minn kull titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li għalih hija kellha dritt matul l-assenza tagħha.

50 Peress li ż-żewġ dispożizzjonijiet inkwistjoni għandhom effett dirett, jeħtieġ ulterjorment li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-qorti nazzjonali inkarigata milli tapplika, fil-kuntest tal-kompetenza tagħha, ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni, għandha l-obbligu li tiżgura l-effett sħiħ ta' dawn ir-regoli u ma tapplikax, fejn huwa neċessarju, fuq awtorità tagħha stess, kull dispożizzjoni kuntrarja tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, mingħajr ma jkollha titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel tagħha permezz ta' leġiżlazzjoni jew bi kwalunkwe proċedura kostituzzjonali oħra (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu sentenza tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal, 106/77, Ġabra p. 629, punt 24, u Kutz-Bauer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 73). Għalhekk, l-Artikoli 14(1)(ċ) u 15 tad-Direttiva 2006/54 jistgħu jiġu invokati minn parti f'kawża kontra l-Istat Membru kkonċernat u applikati minn qorti nazzjonali sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni ta' kull dispożizzjoni nazzjonali mhux konformi mal-imsemmija artikoli.

51 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li hemm lok li r-risposta għall-ħames domanda tkun fis-sens li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 14(1)(ċ) u 15 tad-Direttiva 2006/54/KE huma suffiċjentement ċari, preċiżi u inkundizzjonati biex ikunu jistgħu jipproduċu effett dirett.

**Fuq l-ispejjeż**

52 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol, għandu jiġi**

**interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi, għal raġunijiet ta' interess pubbliku, lil mara fuq leave tal-maternità minn taħriġ professjonali li jagħmel parti sħiħa mill-impjieg tagħha u li huwa obbligatorju sabiex hija tkun tista' tistenna ħatra definittiva f'pożizzjoni ta' uffiċjal kif ukoll sabiex tibbenefika minn titjib fil-kundizzjonijiet ta' impjieg tagħha, filwaqt li din il-leġiżlazzjoni tiggarantilha d-dritt li tipparteċipa fit-taħriġ suċċessiv organizzat, iżda li d-data tiegħu hija inċerta.**

2) **l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/54 ma japplikax għal leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tirriżervax attività speċifika biss għall-ħaddiema ta' sess maskili, iżda li ddewwem l-aċċess għal din l-attività tal-ħaddiema nisa li ma setgħux jibbenefikaw minn taħriġ professjonali komplet minħabba leave tal-maternità obbligatorju.**

3) **Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 14(1)(ċ) u 15 tad-Direttiva 2006/54 huma suffiċjentement ċari, preċiżi u inkundizzjonati biex ikunu jistgħu jipproduċu effett dirett.**

Firem